MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Avviz Numru. 327/2013

**John Abela**
**(ID 253560M)**

**vs**

**Burzett Limited**
**(C 37376)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil-21 ta' Ottubru 2013 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta rikorrenti sabiex, fi zmien qasir u perentorju kif minnha stabbilit, l-istess socjeta intimata tinstalla l-arlogg tad-dawl u ilmea fil-fond Burzett Court, Nru 10, Sqaq Burzett, Zabbar kif ukoll illi iwahhlu l-bieb ta' barra tal-imsemmi post kif kienu obbligaw ruhhom illi jaghmlu permezz ta' kuntratt pubbliku datat 19 ta' April 2010.

Rat illi fid 19 ta' Novembru 2013 is-socjeta intimata laqghet ghal sak mitlub billi sahqet illi l-pretensjonjiet tar-rikorrenti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt filwaqt illi sahqet li l-applikazzjoni ghas-servizz tad-dawl u ilma kellu jsir minn sid il-fond u mhux minn terzi u, ghalkemm is-socjeta intimata kienet forniet il-'compliance certificates' mahruga mill-MEPA biex ir-rikorrent ikun jista japplika ghas-servizzi, huwa hallihom jiskadu inutilment minghajr ma effettivament applika ghal-meter tas-servizz tad-dawl u ilma.

Semghet ix-xhieda ta’ **Oliver Magro**, rappresnetant tal-MEPA, moghtija fl-14 ta’ Marzu 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta’ **John Agius**, rappresentant tas-socjeta Construct Furniture Co Limited, moghtija fl-14 ta’ Marzu 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ **Reuben Bonnici**, rappresentant tal-ARMS Limited, moghtija fid 9 ta’ Gunju 2014.

Rat l-affidavit ta’ **John Abela** ippresentat fid 9 ta’ Gunju 2014.

Rat illi fis-seduta ta’ l-10 ta’ Novembru 2014 il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu qed jikkultivaw il-possibilta’ ta’ transazzjoni.

Rat illi wara erbgha differiment ghall-probabbli transazzjoni, fis-seduta tas-26 ta’ Marzu 2015 ir-rikorrenti ippresenta nota fejn ceda il-meritu tal-kawza stante illi kienet giet rizolta filwaqt illi zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez u talab illi l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Rat ir-rikors ippresentat mis-socjeta intimata fi2-27 ta’ Marzu 2015 fejn talbet illi l-kawza tigi deciza b’kull parti tbaghti l-ispejjez u esebit dokumentazzjoni ta’ ftehim.

**Ikkunsidrat**

Tosserva illi l-kawza odjerna giet intavolata fil-21 ta’ Ottubru 2013 u kien biss illi fit 23 ta’ Marzu 2015, kond dokument esebit mis-socjeta intimata stess, illi intlahaq ftehim fejn is-socjeta initmata onorat dak minnhom obbligat illi kellha taghmel;

Tosserva illi is-socjeta intimata setghet facilment tonoroa dak illi kellha taghmel minghajr ilhtiega illi jintfehu l-proceduri odjerni izda kien biss rizulat tal-proceduri odjerni u aktar minn 16-il xahar wara, li eventwalment ghamlet dak illi kellha taghnmel.

Ghalhekk il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex hija ma ghandhiex tbaghti l-ispejjez tal-kawza odjerna, peress illi dina kienet biss rizultat ta’ nuqqas tas-socjeta intimata u ghalhekk ghandha tbaghti l-ispejjez hija wkoll.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti, ghalhekk,

Wara illi rat in-nota ippresentata fis 26 ta’ Marzu 2015 tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

Filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu tal-kaz stante illi dawna gew ceduti

Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni lir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------